TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 50/15/GB

**Katie Gialanze'**

**vs**

**Abdelsalam S. Salem El Hag Mohamed u Caroline El Hag nee' Gatt bhala kjamata fil-kawza**

Illum 9 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Marzu, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3,500.00), rapprezentanti parti mill-prezz li hallset lill-intimat ghal xoghol ta' twahhil ta' madum, tibjid, ecc, liema xoghol sar hazin u ghalhekk mhux skond il-kwalita' pattwita.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat il-madum u l-intimat kien qabbad lil haddiehor sabiex iwahhlu, pero' x-xoghol li ghamlilha l-intimat sar hazin. Ir-rikorrenti kienet hallset lill-intimat tliet elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500.00) ghal xoghol globali, inkluż tqeghid ta' madum u tibjid.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi ma setghatx tipprezenta ricevuti, ghaliex l-intimat qatt ma kien taha l-ebda ricevuta, pero' regghat ikkonfermat l-ammont fit-talba taghha bil-gurament.

Ir-rikorrenti ezebiet sett ritratti, li gew immarkati bhala Dok.KG1 sa Dok.KG24, li juru l-hsarat estensivi li ġarrbet ir-rikorrenti fil-propjeta' taghha.

Xehdet Polly Illich, prodotta mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata taghha, hija kkoroborat il-verzjoni tar-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat ma kienx ippreżenta risposta bil-miktub u ghalhekk baqa' kontumaci.

It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-verbal datat l-4 ta' Novembru 2015, fejn ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kienitx qed tinsisti ghall-kjamata fil-kawza, qed jillibera lill-istess kjamata fil-kawza, Caroline El Hag nee' Gatt, mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimat lejn ir-rikorrenti, billi ma ppreżenta l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni. Wara li sema' l-provi u ra d-diversi ritratti ezebiti fl-atti (Dok.KG1 sa Dok.KG24) tax-xoghol li sar hazin u l-hsarat estensivi li ġarrbet ir-rikorrenti fil-propjeta' taghha, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas serju ta' servizz da parti ta' l-intimat. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tliet elef u hames mitt Ewro (€3,500.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**